Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 31

**22 ta' Ġunju 2021**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 22 ta' Ġunju fil- 5:30 pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsilliera
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 31 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **31.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **31.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 31.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 30 tqassmu lill-kunsilliera permezz ta' imejl li ġew approvati mill-kunsillier is-Sinj. Joline Attard u ġew issekondti mill-Kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **31.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 31.03.01 | Is-Sindku iċċara mal-kunsilliera wara laqgħa li kellhom mal-operaturi tar-restorant tal-Pirata li l-kunsill ma joħroġ l-ebda permess tal-imwejjed u siġġijiet ħlief fit-tlett ijiem tal-festa. Is-Sidien tal-Pirata qed jitolbu li l-kunsill ma joġġezjonax sabiex huma jitolbu permess ta' żewġ parkeġġi quddiem il-ħanut tiegħu biex jarma bl-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Sur Anthony Bonavia ma qabilx ma dan għaliex fil-passat il-kunsill kien oġġezzjona għall ħadd ieħor. Il-Kunsilliera is-Sinj. Joline Attard taqbel li ma toġġezzjonax jekk japplika għall-parkeġġi biex ikun jista jarma bl-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Sinjoina Corinne Buhagar ma taqbilx li ma toġġezzjonax għal din l-applikazzjoni għaliex fil-futur kulħadd ikun jista japplika għal tali permess biex jittieħdu parkeġġi biex jitpoġġew l-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Sindku joġġezzjona għal din it-talba ta' applikazzjoni għaliex fil-passat l-istess kunsill kien oġġezzjona għal talba ta' permess biex jittieħdu parkeġġi u issir spazju għall-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Sur Malcolm astjena min din il-votazzjoni għaliex għalih kien xorta waħda, għalhekk il-vot kien 3 kontra 2 favur l-oġġezzjoni. |
| 31.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li rċieva ittra minn għand is-Salesjani biex jinfurmaw li l-knisja ta' San Filippu ser tkun miftuħha filgħodu biex jattiraw aktar turisti fil-lokalita u b'hekk ser jiċċelebraw quddies fit-2 ta' Lulju 2021 fis-6.00pm jew is-Sibt 10 ta' Lulju 2021. |
| 31.03.03 | Is- Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li l-Bye Law dwar il-konsum tal-alkahol f' postijiet pubbliċi fl-Isla qeda fis-seħħ. |
| 31.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-Kunsill ħa l-fondi mil-LESA għal -proġett ta' Triq Sant Anġlu sabiex issir pavimentata iżda għall -proġett tal-arzella fi Triq l-arkati ma ingħatax fondi għal dan il-proġett. |

| | |
|---|---|
| 31.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera YES SUMMER CAMP mis-salesjani bejn is-26 ta' Lulju sal-5 t' Awissu ser issir fil-grawnd tal-futbol Benny Casha bejn is-1pm u 8 pm. |
| 31.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ġew rappreżentati tal-ERA flimkien mal-ħaddiema tal-enemalta daru dawn il-wajers li hemm mas-siġar tax-xatt perol-kunsill għadu ma għandux risposta. |
| 31.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera dwar l-aħħar laqgħa tal-URBACT fejn talbuħ mappa tal-Isla u fejn fil-lokalita' tal-Isla għanda cctv sabiex iħaddmu is-sistema tal-app. |
| 31.03.08 | Is-Sindku informa l-kunsilliera dwar diversi ilmenti rigward ħmieġ u imbarazz tax-xatt fejn hemm il-ħwienet, kif ukoll saret laqgħa magħhom fejn kien hemm preżenti s-segretarju eżekuttiv tal-kunsill fejn ġie diskuss sabiex iħallu x-xatt fl-ordni u jħallu passaġġ għan-nies, indafa u l-iskart irrid jinġabar mill-kollettur tagħhom. Waqt din il-laqgħa l-ispettur u s-surġent kienu preżenti sabiex jinfurmawhom biex iżommu l-ordni u li ser ikun hemm il-puluzija tal-komunita sabiex jedukaw aktar ir-residenti. Iddiskutew ukoll sabiex jaraw kif wieħed jista jnaqqas it-traffiku fis-Sajf u kien hemm proposta li x-xatt issir one way u l-bowsers jidħlu minn naħa ta' Palombo. Is-sindku sejjaħ laqgħa mad-direttur tal-Palombo sabiex jara jekk ikunx possibli li l - bowsers jgħaddu minn naħa tagħhom, is-Sur Simon Zammit tal-Palombo ma sab l-ebda oġġezzjoni. Issa għad baqa risposta minn naħa tat-Transport Malta.<br><br>Is-sindku informa lis-sidien tal-ħwienet li l-kunsill iddeċieda li ma jingħalaqx ix-xatt fis-sajf għaliex bil-flus għall-paagamenti tas-security jista' jagħmel affarijiet oħra, saqsa jekk humiex lesti li jagħtu xi kontribut biex tinalaq t-triq iżda ħadd mis-sidien tal-ħwienet qabel li jagħti kontribut għajr għal xi sid ta' restorant wieħed biss.<br><br>Waqt il-laqgħa s-sindku kellem lis-sidien tal-ħwienet sabiex jikkoperaw ma tal-festa biex ineħħu l-imwejjed sakemm jarmaw l-arbli tal-festa, is-sidien tal-ħwienet kollha qablu dwar dan. |
| 31.03.09 | Is-Sindku ressaq imejl dwar it-toqob ġodda fil-pjazza tal-knisja għaliex din is-sena ser jagħmlu armar ġdid. |
| 31.03.10 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar laqgħa li kellu mal-SHS sabiex jingħatalhom post biex jagħmlu l-laqgħat tagħhom, ġie diskuss li l-kamra ta fejn il-forti San Mikiel ser taqa' f'idejn il-kunsilliżda jekk ikun hemm qbil li tintuża minnhom dan jista iseħħ. |

| | |
|---|---|
| 31.03.11 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li beda xx-xogħol fi Triq San Ġiljan, mill-istess kuntratturi ta' Triq Porto Salvo. Il-kunsill ser jieħu ħsieb li ser javża lin-nies tat-triq San Ġiljan dwar ix-xogħol f' din it-Triq. |
| 31.03.12 | Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera Corinne Buhagiar u s-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa onlajn mas-Sur Perici dwar proġetti tal-ewropa.<br>Is-Sindku bagħat imejl dwar dan is-suġett fil-11 ta' Ġunju 2021 lil kunsilliera kollha fejn bagħat il-kwotazzjoni tas-Sur Arthur Perici rigward l-applikazzjoni ghal progetti tal-EU , hemm l-informazzjoni kollha u għalxiex il-kunsill jista japplika.<br><br>Nota importanti ħafna li biex jimla l-applikazzjoni hemm il-ħlas ta' €800.00 jew €1,000.00 skond liema l-kunsill ikun ser japplika hemm kollox fil-proposal, il-ħlas irid jitħallas mil-fondi tal-kunsill. Jekk jintgħażel il-proġett il-ħlas tal-Project Manager ikun mill fondi stess.<br><br>Waqt il-laqgħa ġie diskuss żewġ proġetti li l-kunsill jista japplika bħala Lead Partner :<br><br>1. Small Scales Partnerships Projects : dan jikkkonsisti fit-tlett attivitajiet fi tlett Pajjiżi diffferenti dan jieħu minn sitt xhur sa sentejn li l-ammont għal dan il-proġett huwa sa massimu ta €60,000 li 80 % minnu jkunu refunded mill EU. Dawn l-attivitajiet jistgħu jikkonsistu f'kultura, edukazzjoni, diverista u gastronomija - Deadline ta' dan il-proġett huwa 5 t' Ottubru 2021.<br>2. Youth Mobility of Individuals - dan jikkonsisti fi Training u edukazzjoni għaż-żagħażgħ, workshops u tagħlim aktar infromali suġġetti dwar kultura, sports u ambjent.<br><br>Il-Kunsill qabel li s-Sur Arthur Perici japplika għall proġett tal-Youth Mobility. |
| 31.03.13 | Is- Is-Sindku iddiskuta mas-sindki tal-kottonera dwar ingaġġ ta' Uffiċċjal tal-komunita ( Steward ) għat-trattament xieraq tal-annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f' Malta u Għawdex għalhekk kien hemm qbil li l-applikazzjoni tkun bejn il-bliet tal-kottonera u l-kalkara u jkun hemm steward wieħed għall dawn il-lokalitajiet għaliex kull ma ser jingaġġaw huma 10 biss minn 68 kunsill. Il-ħlas ta' dan l-isteward jinqasam bejn erba' lokalitajiet u jiġi rimbosat mid-dipartiment. L- |

| | |
|---|---|
| | applikazzjoni ħa ħsiebha is-Sur Duncan Hall is-segretarju eżekuttiv ta' Bormla. |
| 31.03.14 | Is-Sindku bagħat imejl lis-Sur Ramon Deguara tal-cleansing department sabiex jinteħħew dawk l-opri li huma mitluqa matul ix-xatt fejn kien ġie diskuss flimkien mal-puluzija sabiex is-sidien ta' dawn l-opri jiġu notifikati. Is-Sur Deguara bagħat imejl fejn ser jibgħat lis-Sur Paul Formosa sabiex jikkordina li din it-tindifa issir bejn il-5 u 9 ta' Lulju 2021. |
| 31.03.15 | Is-Sindku informa lil kunsilliera sabiex jekk jaqblu l-kunsill jikkollabora mal-ħruġ tal-ktieb informattiv li joħorġu l-għaqda tal-SHS. Il-Kunsilliera qablu li jingħataw €500 bħala kollaborazzjoni għal dan il-ktieb li joħorġu 300 kopja. |
| 31.03.16 | Is-Sindku informa lil kunsilliera b'referenza għall-każ b'intestatura, jekk jogħġbok innota li matul l-aħħar seduta ġie stabbilit li l-Kunsill kien tabilħaqq innotifikat permezz tas-sistema, għalhekk il-każ iddgħajjef b'mod sinifikanti minħabba l-fatt li l-Kunsill ma kienx qajjem it-tħassib tiegħu fiż-żmien qafas permess fil-liġi għal konsulenti esterni.<br><br>Fid-dawl ta 'dan ta' hawn fuq, ġentilment għarrafni jekk tixtieqx tirtira l-appell issa, jew inkella tippreżenta sottomissjonijiet u tistenna deċiżjoni tat-Tribunal.<br><br>Il-Kunsill iddeċida li jirtira l-appell għall-appell PAB122/20 (PA 6285/19) 170, triq il-Ponta, Senglea |
| **31.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Jista l-kunsill jinforma lil xi ħadd sabiex ineħħi il-ħadid u l-wajers li hemm imdendlin mal-ħitan u li mhumiex ta' użu. |

| | |
|---|---|
| | Importanti li fejn kienet issir il-ġostra hemm żewġ ħadidiet li huma perikoluża sabiex jiġu miksija, ħalli ma jkunx hemm periklu li xi ħadd jista jaqa' fuqhom.<br><br>Is-Sindku wieġeb li ser jiċċekja sabiex il-kunsill iġib cherry picker biex jitneħħew dawn il-wajers u dwar il-ħadid tal-ġostra jiġu miksija b'kaxxa tal-ħadid<br><br>Is-Sur Anthony Bonavia qed jissuġġerixxi li fi Triq D'homedes issiru xi żewġ bankijiet.<br><br>Is-Sindku ħa nota ta' dan is-suġġeriment.<br><br>Is-Sur Anthonhy Bonavia issuġġerixa li maż-żurżieqa ta' quddiem il-letrina issir poġġaman sabiex wieħed ikun jista jżomm, kif ukoll tabella sabiex tinotifika lil pubbliku li jistgħu jiżolqu.<br><br>Is-Sindku ħa nota ta' din. |
| **31.5** | **Rapporti** |
| **31.5.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ir-rapport finanzjaru tal-awdituri lil kunsilliera kollha sabiex jiġi diskuss. Is-segretarju Eżekuttiv infurmathom li ser tibgħat il- manangement letter aktar tard sabiex tispjega xi nuqqasijiet li sabu l-awdituri. Il-Kunsilliera Corinne Buhagiar u Joline Attard approvaw dan ir-rapport fejn ġie iffirmat mis-sindku s-Sur Clive Pulis u s-segretarju eżekuttiv is-Sinj. Graziella Gellel. |
| **31.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 31.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 6 / 2021 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Corinne Buhagiar u s-Sur Malcolm Gatt. |
| **31.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 30.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 22 ta' Lulju 2021 fil-5:30p.m |

Konfermati, illum 22 ta' Lulju 2021

IFFIRMATA______
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA_________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv